Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Id-Direttorati tal-Edukazzjoni nedew dokument dwar l-attendenza bi proċeduri ġodda li jridu jiġu mħarsa minn kulħadd għal benefiċċju tal-istudenti.

Intom mitluba li timxu ma' dawn il-proċeduri:

1. Meta t-tfal ifallu l-iskola għandkom iċċemplu u wara tippreżentaw nota bil-miktub lill-Kap tal-Iskola fejn tagħtu raġuni għaliex it-tifel/tifla ma setax jattendi skola. **Għal kull ġurnata li fiha t-tifel/tifla i/tfalli l-iskola trid tingħata ġustifikazzjoni**. Jekk il-ġustifikazzjoni ma tiġix aċċettata, t-tfal jitniżżlu bħala assenti.

2. Jekk matul is-sena skolastika **t-tfal jfallu aktar minn disat (9) ijiem** mingħajr ma tingħata raġuni valida tal-assenza tat-tfal, jittieħdu aktar miżuri.

3. Jekk it-tfal tagħkom mhumiex jattendu skola għax jinsabu ma jifilħux, ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat jekk it-tfal jkunu morda għal aktar minn tlett ijiem. Jekk ikunu ma jifilħux għal inqas minn tlett ijiem, nota bil-miktub għandha tkun biżżejjed. Il-Kap tal-Iskola xorta tista' titlob ċertifikat mediku.

4. Ċertifikat mediku għandu jiġi ppreżentat fi żmien tlett ijiem minn meta t-tfal jirritornaw l-iskola. Jekk l-istudent jibqa' marid għal ħamest (5) ijiem konsekuttivi, iċ-ċertifikat mediku jrid jiġi ppreżentat eżatt wara li jgħaddu dawk il-ħamest ijiem. ***Fil-każ ta' student tas-sekondarja***, iċ-ċertifikat jrid jiġi ppreżentat l-ewwel ġurnata meta l-istudent jidħol lura l-iskola.

   ***Huwa importanti ukoll li maċ-ċertifikat tiġi ppreżentata l-Medical Certificate Record Card mimlija mit-tabib li għamel iċ-ċertifikat mediku.***

5. Permessi għal btajjel waqt il-jiem ta' l-iskola, mhux permessi u b'hekk l-istudenti jitniżżlu bħala assenti. Huwa biss f'każijiet ta' żjara b'għan edukattiv, raġuni familjari bħal imwiet, żwieġ tal-ġenituri jew aħwa jew interventi mediċi barra minn Malta jista' jingħata permess wara li d-dokumenti meħtieġa jiġu ppreżentati lill-iskola.

6. Kif stipulat fl-Att dwar l-Edukazzjoni Kapitlu 357 Artiklu 2, l-eta' obbligatorja ta' kull student li jibda jattendi l-iskola hi minn 5 snin. Għalhekk jekk it-tfal għalqu 5 snin u qed jattendu l-Kinder 2 iridu jsegwu l-proċeduri msemmija hawn fuq.

7. Meta student jagħlaq sittax-il sena wara li jkun beda l-Year 11 (*Form 5)* dan huwa obbligat li jattendi.

Grazzi tas-sapport u l-kollaborazzjoni tagħkom,

Tim ta' Ħaddiema Soċjali
Kulleġġ San Ġorġ Preca

**32 Triq J. Abela Scolaro Ħamrun HMR 1304** **e-mail: sangorgpreca.college@gov.mt**
**Tel: 21224642 / 21244600** **website: http://sgpc.skola.edu.mt**